

Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tiegħu, l-appellant jinvoka tliet aggravji.

1. L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-appell tal-appellant kien ammissibbli u għandu bażi peress li josserva l-korrispondenza bejn l-aggravji, ir-raġunijiet u l-fatti msemmija fi ħdan l-ilment mibgħut waqt il-proċedura amministrattiva u dawk ippreżentati fid-dettall quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.
2. It-tieni aggravju huwa bbażat fuq l-allegazzjoni ta' ksur tal-prinċipju ta' aċċess għal smiġħ xieraq u nuqqas ta' analiżi ġusta fil-fażi ta' qabel il-kawża. L-ilment tal-appellant waqt il-proċedura amministrattiva kien miċħud mill-istess persuna li inizjalment iddeċidiet li tkeċċi lill-appellant.

It-tielet aggravju huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

Rikors ippreżentat fil-31 ta' Diċembru 2015 – Sony and Sony Electronics vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-762/15)

(2016/C 098/62)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Sony Corporation (Tokyo, il-Ġappun) u Sony Electronics, Inc (San Diego, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: N. Levy u E. Kelly, Solicitors, u R. Snelders, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-21 ta' Ottubru 2015, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Enonomika Ewropea, mogħtija fil-Każ AT.39639 – apparat li jaqra d-diski ottiċi, sa fejn tikkonċerna lir-rikorrenti;
- sussidjarjament, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, tnaqqas l-ammont tal-multi imposti fuq ir-rikorrenti minn din id-deċiżjoni; u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż legali u għall-ispejjeż l-oħra tar-rikorrenti relatati ma' din il-kawża.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti jinvokaw żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata bi żball ta' fatt u ta' liġi sa fejn tikkonkludi li r-rikorrenti wettqu ksur tal-Artikolu 101 TFUE minħabba l-għan.
 - Il-provi invokati kontra r-rikorrenti huma insuffiċjenti sabiex isostnu l-konklużjoni li r-rikorrenti pparteċipaw fi ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 101 TFUE minħabba l-għan.
 - Il-konklużjoni sussidjarja tad-deċiżjoni li r-rikorrenti wettqu każijiet separati ta' ksur tal-Artikolu 101 TFUE minħabba l-għan ma ġietx ipprovata u kisret id-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti, għaliex tressqet għall-ewwel darba fid-deċiżjoni.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni sussidjarja li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata bi żball ta' fatt u ta' liġi u hija bbażata fuq motivazzjoni insuffiċjenti.
- Id-deċiżjoni tiżbalja meta tgħodd għal darbtejn id-dħul li ġie ttrasferit mir-rikorrenti lil destinatariju ieħor tad-deċiżjoni.
 - Id-deċiżjoni tiżbalja meta tonqos milli tirrikonoxxi l-aġir sostanzjalment iktar limitat tar-rikorrenti meta mqabbel ma' ċerti destinatariji oħra tad-deċiżjoni u għalhekk meta tonqos milli tapplika għar-rikorrenti koeffiċjent ta' gravità iktar baxx u ammont addizzjonali iktar baxx u/jew tnaqqis minħabba ċirkustanzi attenwanti.
 - Id-deċiżjoni tiżbalja meta tapplika koeffiċjent ta' dissważjoni.

Rikors ippreżentat fil-31 ta' Diċembru 2015 – Sony Optiarc u Sony Optiarc America vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-763/15)

(2016/C 098/63)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Sony Optiarc, Inc (Atsugi, il-Ġappun) u Sony Optiarc America, Inc (San Jose, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: N. Levy u E. Kelly, Solicitors, u R. Snelders, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-21 ta' Ottubru 2015, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Enonomika Ewropea, mogħtija fil-Każ AT.39639 – apparat li jaqra d-diski ottiċi, sa fejn tikkonċerna lir-rikorrenti;
- sussidjarjament, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, tnaqqas l-ammont tal-multi imposti fuq ir-rikorrenti minn din id-deċiżjoni; u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż legali u għall-ispejjeż l-oħra tar-rikorrenti relatati ma' din il-kawża.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti jinvokaw żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata bi żball ta' fatt u ta' liġi sa fejn tikkonkludi li r-rikorrenti wettqu ksur tal-Artikolu 101 TFUE minħabba l-għan.
 - Il-provi invokati kontra r-rikorrenti huma insuffiċjenti sabiex isostnu l-konklużjoni li r-rikorrenti pparteċipaw fi ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 101 TFUE minħabba l-għan.
 - Il-konklużjoni sussidjarja tad-deċiżjoni li r-rikorrenti wettqu każijiet separati ta' ksur tal-Artikolu 101 TFUE minħabba l-għan ma ġietx ipprovata u kisret id-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti, għaliex tressqet għall-ewwel darba fid-deċiżjoni.